MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-28 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 993/1997/1

**Peter Calamatta f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Peter Calamatta The Garden Shop Nursery Company Limited**

**v.**

**Impresem S.p.A., G. & P. Borg u Rainbow Mix Concrete Limited, ezercenti l-kummerc bhala I.R. B. Joint Venture; u b'digriet ta' l-24 ta' Jannar 2001 gew nominati Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Liliana Buhagiar biex jirrappresentaw lis-socjeta` Impresem S.p.A.**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-5 ta' Mejju 1997 li permezz taghha l-attur proprio et nomine wara li ppremetta:

Illi l-attur proprio et nomine huwa l-proprjetarju tal-hanut bl-isem The Garden Shop, Triq San Gwann ta' l-Gharghar, San Gwann, kif ukoll tad-dar bl-isem "Hacienda de la Valle", Triq San Gwann ta' l-Gharghar, San Gwann;

Illi f'dawn l-ahhar zminijiet, is-socjetajiet konvenuti, kemm direttament kif ukoll tramite terzi minnhom inkarigati, effettwaw xogholijiet fl-inhawi tal-kostruzzjoni ta' l-Isptar San Raffaele, tal-Qroqq;

Illi bhala konsegwenza diretta ta' dawn ix-xogholijiet intraprizi mis-socjetajiet konvenuti, l-attur proprio et nomine sofra danni u hsarat fil-proprjeta` tieghu hawn fuq imsemmija, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kif jirrizulta wkoll mill-anness Certifikat tal-A.I.C. David Pace illi qieghed jigi hawn ezibit u immarkat bhala DOK. A.;

Illi s-socjetajiet konvenuti, minkejja illi gew diversi drabi interpellati sabiex jaghmlu dan, baqghu ma ghamlux tajjeb ghall-hsarat u d-danni kollha sofferti mill-attur proprio et nomine;

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjarahom responsabbli ghall-hsarat u d-danni kollha sofferti mill-attur proprio et nomine fil-hanut bl-isem The Garden Shop, Triq San Gwann ta' l-Gharghar, San Gwann, kif ukoll tad-dar bl-isem "Hacienda de la Valle", Triq San Gwann ta' l-Gharghar, San Gwann, bhala konsegwenza diretta tax-xogholijiet effettwati mill-istess socjetajiet konvenuti kif fuq imsemmi;
2. Tillikwida dawn id-danni konsegwenzjali hekk sofferti, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
3. Tikkundannahom ihallsu lill-attur proprio et noe tali somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l- ta' Novembru 1996, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjetajiet konvenuti, li baqghu ingunti ghas-subizzjoni;

Rat li l-konvenuti (IRB Joint Venture) debitament notifikati baqghu kontumaci;

Rat id-digriet tat-3 ta' Dicembru 1998 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. Frederick Doublet sabiex jikkonstata l-hsarat lamentati skond l-ewwel talba u sabiex jillikwida d-danni skond it-tieni talba;

Rat id-digriet tad-19 ta' Mejju 1999 li permezz tieghu giet nominata l-assistenta gudizzjarja Dr. Josette Demicoli sabiex tassisti lill-perit tekniku fil-gbir tal-provi;

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku debitament mahlufa fil-5 ta' Dicembru 2000;

Rat ir-risposti tal-perit tekniku maghmula lilu in eskussjoni;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet guramentata ta' l-attur proprio et nomine;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Jannar 2001 li permezz tieghu, fuq talba ta' l-attur proprio et nomine, gew nominati l-Avukat Dottor Leslie Cuschieri u l-P.L. Liliana Buhagiar bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` barranija Impresem S.p.A.;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijet tal-kuraturi deputati fejn qalu:

1. Illi b'digriet tal-24 ta' Jannar 2001 huma gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` Impresem S.p. A.;

2. Illi huma m'ghandhomx mezz kif jikkomunikaw mal-persuna minnhom rapprezentata u ghalhekk mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern;
3. Illi ghalhekk huma jirrizervaw li jeccepixxu ulterjorment;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Mill-provi jirrizulta li l-attur proprio et nomine huwa proprjetarju tal-hanut bl-isem ta' The Garden Shop li jinsab fi Triq San Gwann ta' l-Gharghar, San Gwann kif ukoll tad-dar bl-isem ta' "Hacienda de la Valle" fl-istess triq. Il-konvenuti kienu responsabbli ghal xi xoghlijiet li kienu qeghdin isiru in konnessjoni mal-bini ta' l-Isptar San Raffaele, illum l-Isptar Mater Dei. L-attur proprio et nomine nnota diversi hsarat li gew kawzati bix-xoghlijiet li kienu qeghdin isiru. Huwa inkariga lill-perit tieghu, l-A.I.C. David Pace, biex jikkonstata l-hsarat u jaghmillu stima relattiva. Effettivament l-istima saret u tinsab esebita bhala Dok. PC1 a fol. 24 u 25 tal-process. Skond din l-istima, id-danni gew jammontaw ghal Lm6,091 konsistenti f'Lm5,310 danni u riparazzjonijiet, Lm531 *disturbance allowance* ta' 10% u Lm250 drittijiet tal-perit. Il-perit tekniku acceda fuq il-post u kkummenta dwar il-partiti kollha elenkati fid-Dok. PC1. Huwa ma qabilx ma' l-istima moghtija u kkummenta fuq kull partita msemmija. Sussegwentement pero` gie msejjah in eskussjoni u l-attur proprio et nomine pprezenta nota ta' sottomissjonijiet li giet ikkonfermata minnu bil-gurament. Din il-Qorti sejra tikkunsidra kull pretensjoni ta' l-attur proprio et nomine individwalment:

1. Hsara fid-*driveway* - Lm950. Skond il-perit tekniku, id-*driveway* ma kinitx kostruwita skond l-ahjar normi tas-sengha u l-arti b'qatghet kwazi-kwadri (*bays*) jew *expansion joints* u allura fin-natura tal-materjal koncernat xi zmien jew iehor id-*driveway* kellha tixxaqqaq minhabba *shrinkage* u *expansion* stagjonali. Fil-fehma tieghu pero` x-xoghlijiet li saru mill-konvenuti accelleraw jew ghamlu aktar pronunzjat l-effett tal-konsenturi. L-art xorta jibqa' servibbli. Kull ma seta' jattribwixxi lill-konvenuti ghalhekk kien in-nuqqas fis-*serviceable life expectancy*. Konsegwentement l-istima li ta l-perit tekniku huwa ta' Lm300. In eskussjoni, ghal mistoqsija jekk huwiex sew li jinghad li huwa ma kkonkludiex illi l-hsara setghet kienet ezistenti jew li kienet reza aktar serja minhabba xi xoghol hazin, il-perit tekniku wiegeb biss li ma kienx ezamina d-*driveway* qabel l-incident. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur jghid li l-perit tekniku wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu tramite konstatazzjoni generali ta' l-art in kwistjoni minghajr ma sar ezami dettaljat tal-

kundizzjoni jew generu preciz taghha; li l-perit tekniku b'ebda mod ma kkonkluda illi l-hsarat in kwistjoni kienu diga` ezistenti; u li ghalhekk ma setax jeskludi *a priori* illi l-hsarat subiti setghu gew ikkawzati effettivament mill-azzjonijiet tal-konvenuti.

2. Hsara fl-art tal-mahzen - Lm500. Il-perit tekniku qal li hawn l-istess kummenti bhal fir-rigward tad-*driveway* japplikaw b'dan illi l-art ghija taht is-saqaf u mhix esposta direttament ghall-elementi. Zied jghid li l-attur qal li din l-art giet imsewwija izda minn xi ritratti esebiti ghadhom jidhru konsenturi. Huwa ta stima ta' Lm200. In eskussjoni gie indikat lilu li kuntrarjament ghal dak li kien ikkonkluda, l-attur kien xehed li l-art ma setghetx tissewwa minhabba t-thezziz kontinwu. Il-perit tekniku fil-fatt wiegeb illi l-attur kien biss informah waqt l-access li kienu ssewwew hafna affarijiet u ghalhekk ma jeskludix li kien fehem li din l-art kienet wahda minnhom. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur irrimarka li dak li gara fir-rigward ta' l-art tal-mahzen juri nuqqas da parti tal-perit tekniku fir-registrazzjoni tal-konstatazzjonijiet li saru waqt l-access; li l-perit tekniku ma tax raguni cara u soddisfacenti ghat-tnaqqis ta' oltre sittin fil-mija fl-istima tar-riparazzjoni relattiva. L-attur jghid ukoll illi x-xoghlijiet tal-konvenuti hadu tul ta' zmien u ghalhekk ma kienx prattiku la mil-lat finanzjarju u lanqas mil-lat ta' minimizzazzjoni ta' danni li jsiru t-tiswijiet f'dak l-istadju.

3. Hsara fir-*reservoir* - Lm750. Il-perit tekniku qal li l-attur qal li kien gie msewwi izda dettalji ma nghatawx u spezzjoni ma setghetx issir. Pero` sabiex jissewwa r-*reservoir* kien ikun jinhtieg li jinfethu l-fili li setghu zvilippaw u jitkahhlu b'materjal partikolari jew jinzebghu l-qiegh u l-gnub bil-*chlorinated rubber paint*. Huwa osserva li ma gewx prodotti rcevuti la ta' dan ix-xoghol u lanqas ta' haga ohra. Id-daqs tar-*reservoir* mhux maghruf izda kkunsidra l-istima moghtija eccessiva ghaliex tali ammont kien sufficjenti biex jinghataw zewg passati *chlorinated rubber paint* lil gibjun kbir ta' circa 684 metri kwadri (circa 3 metri gholi x 21 metri x 21 metri). Huwa assuma ghalhekk *reservoir* ta' daqs ta' 234 metri kwadri (6 metri gholi x 6 metri x 9 metri) u wasal ghal stima proporzjonali

ta' Lm256. Mistoqsi in eskussjoni jekk jiftakarx li kien intqal lilu waqt l-access li l-fili kienu wiesa' hafna u ghalhekk kellha tittella' qoxra fuq in-nah tat-triq, il-perit tekniku wiegeb li ma jiftakarx. Izda ma ngabitlu l-eba prova teknika ghan-necessita` ta' dan il-hajt. Fin-nota ta' sottomissjonjiet tieghu l-attur jghid li hawn ukoll il-perit tekniku ma rregistrax id-dettalji kollha ta' dak li gie ndikat lilu waqt l-access. L-attur ikkonferma fin-nota tieghu li billi l-fili kienu wiesa' hafna, kien jintieg li tittella' qoxra fuq naha wahda tal-gibjun. Jghid ukoll illi ghalkemm l-perit tekniku lmenta mill-fatt li ma gewx prodotti rcevuti tax-xoghol, fl-istess hin ma apprezzax ix-xiehda ta' l-A.I.C. David Pace li semma' specifikatament il-htiega ghat-tiswija tal-gibjun.

4. Telf ta' ilma mir-*reservoir* - Lm300. Dan prezumibilment, qal il-perit tekniku, huwa l-ilma li nhela sabiex jinstabu l-livelli ta' fejn kien hemm il-hsara fir-*reservoir* sabiex jissewwa. Huwa ma setax jaccetta din il-figura li kienet wara kollox stima preventiva ta' xoghol li kien ghadu ma sarx. Galadarba kien nizel il-livell ta' l-ilma, jghid il-perit tekniku, huwa ragjonevoli li wiehed jahseb li l-istess livell kien nizel sal-parti l-aktar 'l isfel ta' fejn kien hemm il-hsara. Il-hsara minn hemm 'il fuq kellu jigi determinat bi spezzjoni vizwali. Konsenturi mikroskopici jew insinifikanti kienu jigu mghottija bil-*chlorinated rubber paint* u dawk evidenti setghu jigu ssigillati b'xi *silicone mastic* jew jinfethu u jitkahhlu b'*Emaco* jew simili. Ghalhekk ma kienx ikun hemm bzonn ta' hela ta' ilma ghal dan l-iskop. L-istima li ta b'hekk hija ta' Lm130. Mistoqsi in eskussjoni jekk jafx x'inhu n-negozju ta' l-attur u illi l-operat ta' tali negozju jiddependi minn provizjon kontinwu ta' ilma mill-istess *reservoir* u ghalhekk kienet tehtieg riparazzjoni effettiva, permanenti u malajr, il-perit tekniku wiegeb li l-mistoqsija stess turi li kwantita` mill-ilma kienet tigi uzata mill-attur stess u ghalhekk il-konvenuti ma kellhomx ihallsu ghall-ilma li ntuza ghat-tisqija. Wara kollox, jghid il-perit tekniku, ir-*reservoir* issewwa u sakemm issewwa ma setax jigi uzat. Mistoqsi jekk jafx li l-attur kellu, sakemm jissewwa l-gibjun, jaghmel uzu minn ilma tal-vit u li minhabba l-urgenza x-xoghol kien aktar kostuz, il-perit tekniku qal li dwar l-ilma tal-vit ma jiftakarx

izda dan ma jaghmel l-ebda differenza ghar-risposti tieghu anke peress illi dan il-fatt lanqas issemma mill-A.I.C. Pace. Zied jghid ukoll illi fl-istimi tieghu hass li kellu jaghmel dak li hu ragonevoli u mhux *inflated* barra minn kull proporzjon. Mistoqsi dwar id-diffikulta` ghall-access ghal gol-gibjun, il-perit tekniku qal li ma ezaminax il-gibjun u lanqas ma nghata dettalji tal-fond tieghu. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur jghid li jidher li l-perit tekniku ma hax in konsiderazzjoni x-xiehda ta' l-A.I.C. Pace li, bhala bazi ta' l-istima tieghu, kellu l-vantagg ta' spezzjoni vizwali u immedjata tal-hsarat ilmentati u li kien irrakkommanda r-riparazzjoni li fil-fatt saret. Jghid l-attur li sabiex issir spezzjoni tal-gibjun kellu jintrama *scaffolding* u li minhabba n-natura specifika tan-negozju tieghu kienet mehtiega tiswija immedjata. L-attur jghid ukoll illi ma kienx fattur insormontabbli ghall-perit tekniku li jistabilixxi d-daqs tal-gibjun.

5. Telf ta' ilma mis-*swimming-pool* - Lm910. Il-perit tekniku stqarr li parti zghira minn din l-ispiza hija gustifikata izda l-attur ma kellux, a spejjez anticipati tal-konvenuti, jibqa' jaghmel dawn l-ispejjez. Il-*pool* setghet titbattal, tissewwa u tinzebagh fi zmien relattivament qasir, bl-itwal perijodu jkun sabiex tithalla tinxef qabel l-applikazzjoni taz-zebgha gdida u li fis-sajf m'ghandux jeccedi gimaghtejn. Jghid li l-attur ipprefera jibqa' juza l-*pool* ghal sitt xhur minghajr ma jsewwiha. Il-perit tekniku jistma li z-zmien totali ghat-tiswija, inxif u zebgha ma kellhiex tkun aktar minn tliet gimghat f'liema zmien l-ebda ilma ma jintuza u jkun irid jimtela wara b'madwar 20,000 gallun ekwivalenti ghal sitt bowsers. Skond il-perit tekniku ma kienx hemm gustifikazzjoni ghal aktar minn gimaghtejn biex jigi *topped-up* b'nofs bowser kuljum, cioe` tlettax-il bowser x Lm10 = Lm130. Mistoqsi jekk hax in konsiderazzjoni l-fatt illi x-xoghlijiet mill-konvenuti damu zmientwil u ghalhekk il-hsarat baqghu jigu arrekati fuq zmien twil, il-perit tekniku wiegeb li ma giex specifikat kemm dam ix-xoghol bir-romblu vibranti. Anke jekk ir-romblu ntuza x-xahar kollu ta' April, it-tiswija setghet saret f'Mejju, cioe` qabel ma jibda l-istagun ta' l-ghawm proprju. Mistoqsi ukoll jekk il-fatt li l-*pool* baqa' jimtela' kuljum naqqas mill-possibilita` ta' hsara strutturali fil-*pool*, il-perit

tekniku osserva li meta *pool* jithalla zmien twil espost ghax-xemx, jista' jigrilha hsara; ghalhekk *pools* vojta jigu protetti b'folji tal-plastik u minn zmien ghal zmien jixxarrbu, izda m'hemmx ghalfejn jintuza nofs bowser ilma kuljum. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-appellant jghid li x-xoghlijiet maghmula mill-konvenuti gew esegwiti fuq medda ta' zmien u ghalhekk baqghu jigu arrekati hsarat fuq il-perijodu kollu relattiv. L-attur josserva li x-xoghol ta' tiswija tal-pajpijiet ma setax isir hlief wara li kien tlesta x-xoghol u waqaf it-thezziz da parti tal-konvenuti.

6. Drittijiet ta' l-espert tas-*swimming-pool* - Lm200. Il-perit tekniku qal fir-relazzjoni tieghu li ma ngabux provi li saru xi testijiet u li swew xi ammonti. Lanqas ma gie spjegat jekk kienx hemm xi hsara fl-*equipment* jew *pool plumbing*, u lanqas x'inhuma dawn it-testijiet. Inoltre ma rax sinjali ta' eskavazzjoni madwar il-*pool* li setghu jindikaw xoghol fuq pajpijiet mirduma. Fil-fehma tieghu l-hsara kienet ristretta ghall-*pool* b'effett tat-thezziz tar-romblu. Konsegwentement ma hassx li dan l-*item* kellu jigi kkunsidrat. Mistoqsi in eskussjoni jekk, peress illi l-pajpijiet kienu sotterraneji, dan kien johloq diffikulta` biex tigi identifikata l-problema, qal li sabiex jigu konstatat jekk ikunx hemm *leakage* fil-kanen tal-*pool* iridu jsiru *pressure tests* jew testijiet ohra *by trial and error*. Dawn it-testijiet ma jiswewx hafna flus u fl-ewwel kaz si tratta ta' madwar nofs siegha bl-apparat. Mistoqsi jekk jaqbilx li kien hemm *leakage* mill-konsenturi fil-pajpijiet u wkoll *leakage* mill-parti tal-pajp fejn jaqbad minn wara l-i*skimmer* u li damu ma gew individwati ghax ma kinux vizibbli, u li anke wara li dawn il-hsarat issewwew xorta baqa' jinzel l-ilma xi zewg piedi kuljum, il-perit tekniku wiegeb li ma ngabux provi dwar din il-hsara u lanqas ma jiftakar dwar x'kien qallu l-attur dwar il-kanen. Mistoqsi ukoll jekk jaqbilx illi x-xoghol ta' tiswija tal-pajpijiet ma setax isir hlief wara li kien tlesta x-xoghol u waqaf it-thezziz, wiegeb li jaqbel. Mistoqsi jekk waqt l-access kienx saqsa lill-attur x'kienu t-testijiet li setghu saru wiegeb li ma kienx saqsa dan lill-attur. Mistoqsi jekk kienx saqsa lill-attur jekk kienx sar xi xoghol ta' skavar u jekk il-madum li kien tqieghed mill-gdid regax nizel, wiegeb li le. Mistoqsi dwar il-lasta li l-perit tekniku biex jigi delineat il-madum l-antik minn dak gdid, il-perit

tekniku wiegeb li l-lasta ghamilha biex tindika l-inkaviment ta' l-art. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur jghid li mill-fatt stess li l-*pool* issewwa, isegwi li saru t-testijiet relattivi, u minhabba li l-pajpijiet kienu sotterranei, kien hemm diffikulta` biex tigi identifikata l-problema.

7. Tiswijiet fis-*swimming-pool* - Lm500. Il-perit tekniku dehrlu li din l-istima hi esagerata u li l-istima ghat-tiswija tal-konsenturi u zewg passati *chlorinated rubber paint* ghandha tkun ta' Lm150. Mistoqsi jafx li kellu jinqala' l-madum tal-*pool* biex jissewwew il-kanen, il-perit tekniku wiegeb li l-istima li ghamel tinkludi biss it-tiswija li semma' fir-relazzjoni u dan ghax il-hsara fil-kanen ma kinitx issemmiet.

8. Tiswijiet fil-gibjun ta' fuq l-art - Lm450. Fir-relazzjoni tieghu l-perit tekniku qal li l-attur indika fejn kien hiereg l-ilma minn dan il-gibjun, liema gibjun illum jinsab konvertit f'kamra. La darba kien lokalizzat il-post minn fejn kien hiereg l-ilma, dan seta' facilment jissewwa u jerga' jimtela bl-ilma. L-istima tax-xoghol u mili mill-gdid bl-ilma skond il-perit tekniku huwa ta' Lm150. Mistoqsi jekk l-attur kienx spjegalu li saret din il-konverzjoni peress li nonostante x-xoghlijiet ta' tiswija l-gibjun xorta baqa' difettuz, il-perit tekniku wiegeb li ma jafx ghaliex il-gibjun saret kamra u lanqas ma ngabet xiehda esperta dwar dan. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur jirribadixxi li huwa kien spjega lill-perit tekniku waqt l-access ghaliex il-gibjun kien gie konvertit f'kamra u kif, nonostante t-tiswijiet, dan baqa' difettuz. L-istima ta' l-A.I.C. Pace ghandha ghalhekk tigi kkunsidrata ragonevoli.

9. Tiswija ta' konsenturi fil-hitan fil-bitha interna - Lm250. Dan ix-xoghol kien jinvolvi tikhil u dekorazzjoni tal-hajt hdejn l-arkata u stmat mill-perit tekniku Lm50. Mistoqsi jekk l-attur kienx qallu li kellu jittella' hajt iehor bi *bricks* dobblu mimlijin bil-konkos u rinfurzat minn wara minhabba l-konsenturi kbar li rrizultaw u dan sabiex jiflah l-arkata konsenturata, il-perit tekniku qal li l-konsenturi fil-hajt bl-arkata gew stmati minnu Lm50; il-mili bil-konkos (u mhux hajt mibni) fuq hajt gja` ezistenti gie stmat f'paragrafu 12.16 tar-relazzjoni tieghu. Qal ukoll li ma giex indikat lilu

li kellu jittella' hajt gdid u lanqas il-bzonn strutturali ghall-istess hajt gdid tal-*bricks*. Dan il-hajt huwa ma rahx izda ra biss il-konkos ta' fuqu minn fejn gie ndikat lilu u ttawwal. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur mill-gdid jirreferi ghall-istima ta' l-A.I.C. Pace li kienet bazata fuq konstatazzjonijiet li saru fiz-zmien appozitu u li ghalhekk tirrifletti l-ispejjez li kellhom isiru.

10. Tiswija ta' madum fil-*conservatory* - Lm500. Il-perit tekniku qal li din il-hsara ma gietx indikata lilu izda biss il-hsara fl-art madwar il-*pool* (para. 12.5 tar-relazzjoni). Mistoqsi jekk, apparti l-madum fil-*conservatory*, giex muri l-konsenturi f'koxxa fl-istess post (ritratt FD11) li kienet tirrikjedi l-issettjar u reintegrazzjoni ta' din l-istruttura, il-perit tekniku wiegeb li l-hsara fir-ritratt FD11 giet stmata f'para. 12.18 tar-relazzjoni tieghu.

11. *Disturbance allowance* 10% - Lm531. Il-perit tekniku qal li ma giex pruvat li tali disturb ghandu xi valur materjali u ghalhekk mhux accettabbli.

Fir-relazzjoni tieghu l-perit tekniku osserva li minbarra l-*items* fil-paragrafi precedenti, waqt l-access l-attur indikalu hwejjeg ohra li allega li zviluppaw wara x-xoghol bir-romblu vibranti u li kienu s-segwenti:

12. Cediment ta' l-art u fili miftuhin f'parti mill-madum madwar il-*pool*. Il-perit tekniku nnota li ma kienx hemm *expansion joints* fil-madum u li l-parti li cediet 'l isfel u nfethu l-fili hija proprju fil-gnien ta' madwar il-*pool* u mux vicin l-istess *pool*. Mal-gnub hemm qatghat bil-hamrija li fihom pjanti u sigar. L-ilma tax-xita u tat-tisqija jista' jipperkola facilment ghal taht il-madum. Ic-cediment huwa konsiderevoli li jefettwa madwar tletin metru kwadru. Huwa ma setax jeskludi li almenu parzjalment kien hemm difett fil-mili taht il-madum f'din il-parti. Partijiet ohra mad-dawra ma gralhom xejn. Ghalhekk alloka nofs biss mill-ispejjez biex jinqala' u inbidel il-madum lill-konvenuti, u dan fl-ammont ta' Lm150.

13. Mili bil-konkos fuq hajt tal-genb biex jigi ssodat l-istess hajt. Dan ix-xoghol gie stmat Lm175.

14. Hsara fil-hajt tas-sejjiegh faccata tat-triq fejn hadem ir-romblu u li ghadu mhux imsewwi ghal kollox. Il-perit tekniku stma t-tiswija fl-ammont ta' Lm265.

15. Konsentura f'koxxa fil-hanut (ritratt FD11). It-tiswija u dekorazzjoni giet stmata fl-ammont ta' Lm50.

Il-perit tekniku gie nkarigat mill-Qorti sabiex jezamina l-hsara li kienet saret fil-proprjeta` ta' l-attur proprio et nomine. L-attur proprio et nomine allega li certi hsarat saru b'rizultat dirett tax-xoghlijiet tal-konvenuti. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan gie debitament pruvat. X'kienet il-kondizzjoni pre-ezistenti naturalment huwa l-attur biss li jista' jghid peress illi huwa ovvju li l-perit tekniku seta' biss jikkonstata x'kienet is-sitwazzjoni fis-16 ta' Gunju 2000 meta zamm l-access fuq il-post, cioe` madwar hames snin wara li kienu graw il-hsarat. F'xi kazijiet ghalhekk huwa sab sitwazzjoni fejn kienu diga kienu saru xi tiswijiet. Issa, in materja ta' danni, filwaqt illi min isofri l-hsara ghandu jigi kemm jista' jkun reintegrat fil-pozizzjoni originali, fl-istess hin id-danni jridu jigu minimizzati. Jidher li l-perit tekniku kien tal-fehma li l-istima ta' l-A.I.C. Pace kienet pjuttost gholja. Inoltre l-uniku dokument esibit mill-attur proprio et nomine kienet l-istima ta' l-A.I.C. David Pace u ma pprezenta l-ebda rcevuta ta' l-ispejjez li huwa bla dubbju ta' xejn ghamel biex jirrimedja almenu parti mill-hsarat li kien sofra bl-agir tal-konvenuti. Mill-banda l-ohra mit-twegibiet li l-perit tekniku ta in eskussjoni hu evidenti illi certi konstatazzjonijiet ma kinux ghal kollox korretti, ossia ma kinux precizi forsi wkoll minhabba nuqqas ta' spjegazzjoni shiha li nghatat mill-attur u sahansitra minhabba n-nuqqas ta' dokumenti. Hekk per ezempju l-istima li ta l-perit tekniku dwar it-tiswijiet tas-*swimming-pool* ma kienx jinkludi t-tiswija tal-pajpijiet; ghalkemm biex isiru xi testijiet u jigi skopert fejn hemm il-hsara relatata mas-*swimming-pool* kien jinhtieg is-sehem ta' professjonist, il-perit tekniku ma akkorda l-ebda ammont ghal dan l-iskop; l-istess il-perit tekniku ma hax in konsiderazzjoni l-bini ta' hajt biex jirrinforza naha wahda tal-gibjun sotterran u l-bini ta' hajt tal-*bricks* biex jirrinforza hnejja konsenturata.

Wara li din il-Qorti qieset dan kollu, wara li ezaminat bir-reqqa r-relazzjoni peritali, it-twegibiet tal-perit tekniku in eskussjoni u x-xiehda ta' l-attur u ta' l-A.I.C. David Pace, u wara li qieset in-natura tal-hsarat sofferti mill-attur proprio et nomine, sejra tghaddi biex tillikwida d-danni *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' Lm3,500. Ma' dan l-ammont iridu jizdiedu s-segwenti:

*Contingency allowance* ta' 10% - Lm 350

Drittijiet professjonali ta' 9% - Lm 315.
It-total dovut ghalhekk huwa ta' Lm4,165.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-hsarat u d-danni kollha sofferti mill-attur proprio et nomine fil-hanut bl-isem The Garden Shop, Triq San Gwann ta' l-Gharghar, San Gwann, kif ukoll tad-dar bl-isem "Hacienda de la Valle", Triq San Gwann ta' l-Gharghar, San Gwann, bhala konsegwenza diretta tax-xoghlijiet effettwati mill-istess socjetajiet konvenuti kif fuq imsemmi;
(2) Tillikwida d-danni hekk sofferti fl-ammont ta' Lm4,165, u
(3) Tikkundanna lill-konvenuti (u fir-rigward tas-socjeta` estera Impresem S.p.A., kif rapprezentata) ihallsu lill-attur proprio et nomine tali somma hekk likwidata bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------